**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 31, 225(1), 328(a)(d), 533 tal-Kapitolu 9;**
**Artikoli 15(1)(a)(2) u 32 tal-Kapitolu 65;**
**Artikolu 127(1) tal-LS 65.11 taht il-Kapitolu 54;**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Kumpilazzjoni Nru: 1229/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**AYRTON D'AMATO QUINTANO**
**I.D: 218294 (M)**

**Illum, 25 ta' Gunju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Ayrton D'Amato Quintano** ta' 19-il sena, bin Spiridione u Antonia nee' Quintano mwieled il-Pieta' fid-9 ta' Mejju 1994, joqghod flat 1, Triq Guze Pace Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 218294M tressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-21 ta' Settembru 2013 ghall-habta ta' 4.30 pm, fi Triq l-Imgieret Hal Luqa u/jew f'dawn il-gzejjer, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Jaguar numru tar-Registrazzjoni GBN 951:

B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna il-mewt ta' Filomeno Bonavia mill-Mosta, skond kif iccertifika Dr. Christopher Mercieca Reg 2251 mic-Centru tas-Sahha Floriana.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tharis ta' Regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsara fuq vettura tal-ghamla Mitsubishi, numru ta' registrazzjoni GAN 718, ghad-detriment ta' Filomeno Bonavia mill-Mosta.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas Regolamenti tat-traffiku ikkaguna hsara fuq hajt ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' entitajiet u/jew ta' persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess hin data f'hinijiet differenti fi Triq l-Imgieret Hal Luqa u/jew f'dawn il-gzejjer saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluza.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi saq l-imsemmija vettura bi *speed* eccessiv.

Il-Qorti giet mitluba li f'sejbien ta' htija, Ayrton D'Amato Quintano jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 553 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-proces verbal redatt mill-Magistrat Doreen Clarke. Rat il-fedina penali netta tal-imputat bla ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha. Rat l-istatement moghti mill-imputat wara li nghata d-dirttjiet tieghu rilaxxata nhar it-3 ta' Ottubru 2013, gimaghtejn wara l-incident.

Rat illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni datat 27 ta' Ottubru 2017 mis-Sinjorija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2018 l-Avukat difensur talbab li jithejja Social Inquiry Report dwar l-imputat u l-Qorti laqghet l-istess talba f'din l-istess seduta.

Rat illi fil-21 ta' Gunju 2018 deher l-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti li pprezenta s-social inquiry report tieghu li gie mmarkat bhal Dok GG fejn l-istess ufficjal tal-Probation fil-pjan tal-kura tieghu issuggerixxa illi l-imputat ghandu jibqa' attiv fid-dinja tax-xoghol u dan bil-ghan li jkompli jghix hajja stabbli u strutturata filwaqt li jkompli javvanza f'hajtu. Issuggerixxa wkoll li l-imputat ghandu jkompli jassoccja ruhu ma' nies li jista' jkomplu jipprovduh b'sapport minhabba t-trawma li ghadda minnha.

Finalment gie suggerit li Ayrton jibda jigi segwit bil-ghan li jiehu ghajnuna professjonali f'dan il qasam partikolarment minhabba n-natura tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Gunju 2018.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq

il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja u inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti meta giet biex terroga l-piena edonja hadhet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

1. Il-fedina penali netta tal-impuat bla ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

2. L-eta' tenera tal-imputat meta sehh dan l-incident.

3. Il-koperazzjoni tal-imputat mal-prosekuzjoni tant li l-istess imputat irregistra ammissjoni ghar-reati kif addebitati fil-konfront tieghu u dan bla pregudizzju ghad-drittijiet civili tieghu.

4. il-pjan ta' kura li gie mhejji minn Probation Officer fis-social inquiry tieghu u cioe' illi l-imputat ghandu jigi segwit minn ufficjal sorveljanti stante t-trawma li ghadda minnha l-imputat u jigi nnominat Psikologu sabiex jindirizza l-istat mentali tal-impuat kawza ta' dan l-incident.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li qed issib l-imputat AYRTON D'AMATO QUINTANO hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 225(1), 328(a)(d), 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 15(1)(a)(2) u 32 tal-Kapitolu 65, l-Artikolu 127(1) tal-LS 65.11 taht**

**il-Kapitolu 54 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti qeghda wkoll ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Supervizjoni u cioe' li joqghod u taht supervizjoni tal-ufficjal tal-sorveljanti ghal perjodu kollu tal-operat tas-sentenza sospiza u dan taht il-kondizzjonijiet msemmija fl-ordni annessa ma' din is-sentenza.**

**Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' elfejn ewro (€2,000) liema multa ghandha tithallas fi zmien tlett snin mill-lum ai terminu tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti qeghda wkoll ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu ta' sena mil-lum.**

**Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha konnesi mal-hatra tal-Esperti fl-inkjesta gja esebita f'dawn il-proceduri u dan ai terminu tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbghat lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex jissorvelja lill-imputat u l-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha sabiex jigi nominat l-ufficjal tal-Probation Glen Grixti li gja ha konjizzjoni tal-kawza in dezamina u gja' ltaqa' mal-imputat u ghamel is-social inquiry report dwaru.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi mibghuta lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor l-ispejjez tal-hatra tal-esperti u l-multa inflitta minn din il-Qorti.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**(bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA' SUPERVIZJONI**

**Magistrat: Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Illum: 25 ta' Gunju 2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**AYRTON D'AMATO QUINTANO**

**Il-Qorti,**

Billi b'sentenza tal-25 ta' Gunju 2018 il-Qorti kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-Ordni ta' Supervizjoni;

Wara li fissret lill-imputat bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni u nnutat li l-istess wera li jrid ihares il-htigiet ta' l-istess Ordni;

**Tordna** li l-imputat **AYRTON D'AMATO QUINTANO** li joqghod Flat 1, Triq Guze' Pace, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita' numru 218294M, joqghod ghal perjodu **ta' sentejn u cioe' ghal perjodu operattiv tas-sentenza sospiza taht** is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Supervizjoni taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, l-imputat igib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-ufficjal sorveljenti inkluzi direttivi dwar il-hbieb li jzomm u l-postijiet li jiffrekwenta kif ukoll, jekk ikun il-kaz, biex l-imputat jiehu l-*counselling* li jista' jkun mehtieg dwar ir-reati li dwarhom ghandha proceduri pendenti.

2. Li l-hatja tibqa' f'kuntatt mal-ufficjal sorveljenti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmi ufficjal sabiex jindirizza l-problema tieghu tal-abbuz tal-loghob, u li tavza lill-imsemmi ufficjal b'kull tibdil fl-indirizz tieghu;

3. Li jircievi vizti mill-ufficjal sorveljanti gewwa r-residenza tieghu u fuq il-post tax-xoghol tieghu skond id-direttivi ta' l-istess ufficjal sorveljanti;

4. Li l-hati joqghod taht id direzzjoni ta' psikologa li qed jigi nominat u cioe' Dr Kevin Sammut Henwood tul il perjodu kollha tas-sentenza sospiza;.

4. L-ufficjal sorveljanti ghandhu/a j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull 6 xhur dwar l-imgieba tal-hati.

5. Li jikkoopera bi shih mal-ufficjal sorveljanti.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tinghata lil hati u lill-ufficjal sorveljanti.

……………………………………

(firma tal-persuna mqeghdha taht supervizjoni)

……………………………………..

D../Registratur